# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 4/2024

22 ta' April, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**4.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien avża li mhux ser jattendi għal laqgħa għaliex kien imsiefer fuq xogħol. Il-Kunsill skużah mil-laqgħa.

## 4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 3.1.1 (poles bis-sistema solari tal-PublicWorks) spjega lil-Kunsill kellu biss jikkunsidra Ġnien Dun Karm Vella u mhux Misraħ Ħlantun ukoll għaliex din l-inizjattiva kienet tapplika biss għal fejn ma hemmx arbli.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet fuq l-istess punt Sqaq Karwija kien hemm parti mudlama. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kellu jara jekk kienx hemm poles u filkaż navżaw il-PublicWorks b'din iz-zona ukoll.

4.1.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 3.3.1 (mixja għas-Salib tal-Għolja) kienet saret.

4.1.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 3.3.2 (mixja ta' Puttinu) kienet saret ukoll li għaliha attendew madwar 22 persuna u nġabru €200 b'riżq Puttinu Cares.

4.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 3.3.3 (kuntratt tal-kameras li sa jkunu monitorjati mil-LESA) kien ġie aġġudikat u li l-appell issa kien waqa'. Is-Sindku kompla jgħid li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien iltaqa' mal-manager tar-Reġjun u l-kuntrattur tal-kameras. Is-Sindku spjega fejn kienu ġejjin il-kameras, waħda fi Triq iż-Żurrieq u oħra fil-pjazza u li ż-żewġ kameras kienu ser jaqbdu l-one way. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li l-Kunsill kien għadu ma rċiviex l-approvazzjoni minn Transport Malta biex mill-pjazza għal Triq iż-Żurrieq issir OneWay, għalissa din il-kamera ma teħilx. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-ewwel idealment qabel teħel il-kamera għandha l-ewwel tindara li t-triq ġiet one way sabiex ma jinqalgħux ħafna ċitazzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

4.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 3.3.5 ix-xogħolijiet fi Triq is-Summien kienu lesti u kulħadd faħħar il-kuntrattur għal galbu li kien ħadem bih. Is-Sindku spjega li issa kienu bdew ix-xogħolijiet għall-*cables* tad-dawl. Is-Sindku kompla jispjega li kienu saru t-trinek fi Triq Dun Ġużepp Caruana u Triq l-Iskola u hekk kif jiftħu Triq l-Iskola għat-traffiku jibdew bix-xogħolijiet fi Triq il-Ħajt Ruman.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus kien skużat minn 17:56 sa 17:59.

4.1.6 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi kummenti rigward Jum Ħal Safi. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien qabel li l-banda kellha tibqa' ddoqq fil-pjazza u mhux biddlet ir-rotta u telgħet għal Kunsill minn Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kellux triq oħra minn fejn jgħaddi għaliex Triq l-Iskola kienet maqlugħa kollha minħabba xogħolijiet tal-cables tal-Enemalta u l-banda ma setgħetx tgħaddi minn hemm. Il-Kunsill iddiskuta ċ-ċelebrazzjonijiet li saru għal Jum Ħal Safi li marru tajjeb ħafna.

## 4.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**4.2.1** Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 10 ta' April is-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet laqgħa mal-Public Works. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Public Works kienu ser

jinawguraw *App (Framework Agreement)* ġdida fejn il-Kunsilli ser ikunu jistgħu japlikaw biex isiru x-xogħolijiet. Hija spjegat li l-Public Works qiegħed jalloka €10,000,000 li ser jinqasmu ekwu bejn il-Kunsill kollha u tat spjegazzjoni x'ser ikun jinħtieġ li jsir minn naħa tal-Kunsill sabiex issir l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet invit lill-Kunsillieri kollha għall-inawgurazzjoni tal-*App (Framework Agreement)* għal nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2024 u li min kien ser jattendi kellu javżaha.

4.2.2 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa ma rappreżentant tal-GO u kumpanija tal-panelli fotovoltaiċi bi stedina sabiex isir ftehim fejn l-GO jinstallaw sistema tal-panelli fuq il-bejt tal-Kunsill u bħala kirja għall-istess panelli l-Kunsill jirċievi 30% tal-ammont li jkunu ġew iġġenerati. Is-Sindku qal li bejn wieħed u ieħor mis-sistema l-Kunsill kien ser jibbenfika €1,000 fis-sena pero' il-kirja kienet għal 20 sena. Is-Sindku qal li għall-ewwel ħsibna li hija vantaġġjuża pero' meta wieħed joqgħod iqis 20 sena huwa perjodu twil wisq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma nintrabtux b'dan il-ftehim u jekk toħroġ inizjattiva sabiex nistgħu napplikaw għal fondi biex isiru panelli fotovoltaici nagħmlu dan.

4.2.3 Is-Sindku fakkar li nhar il-Ġimgħa 26 ta' April filgħodu ser ikun hemm Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-iskola primarja u l-Kunsillieri kollha kienu mistiedna.

4.2.4 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 26 ta' April fis-1:00pm ser ikun hemm il-laqgħa li ssir ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Komunita' u jekk hemm xi issues fil-lokal jgħadduhom il-Kunsill sabiex ikun jista' jinforma lill-pulizija.

4.2.5 Is-Sindku fakkar li nhar s-17 ta' Mejju, 2024 kien ser ikun hemm il-laqgħa ġenerali tar-Reġjun Punent u min kien ser jattendi kellu jirreġistra.

4.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva minn Transport Malta rigward ir-reserved parking bay li hemm fi Triq Santa Marija. Is-Sindku spjega li Transport Malta kienu rċivew li din il-parking bay m'għadiex tintuża għaliex il-persuna m'għadux jgħix Ħal Safi. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li wieħed għandu jċempel lil din il-persuna jew nagħtu kuntatt lil Transport Malta sabiex nivverifikaw x'inhi s-sitwazzjoni qabel ma jitneħħa. Il-Kunsill qabel.

4.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment minn persuna li kien qed joffri li jneħħi *s-sump* li hemm fil-planters vojta li hemm fi Triq Ta' Rqajjau oħra fi Triq it-Torri ta' Ġawhar, u wara jħawwel siġra oħra minflok. Is-Sindku qal li din il-persuna ser jibqa' jieħu ħsiebhom kompletament hu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ntuh l-permess pero' nindikawlu t-tip ta' sigar aħna. Din il-persuna jaħdem flimkien ma grow trees u jekk taqblu nistgħu nkellmuh u jieħu ħsieb hu fil-fatt hija inizjattiva sabiħa ħafna.

4.2.8 Is-Sindku qal li kien reġa' rċieva lment minn naħa tat-trasport pubbliku minħabba l-gallarija li hemm fi Triq San Pawl. Huwa qal li Malta Public Transport kienu qed jissuġġerixxu li jsiru bollards il-wisa' tal-gallarija. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien qabel li ssir kurduna li qatt ma saret. Is-Sindku kkonferma dan u

qal li ma kinitx saret għaliex għal ftit taż-żmien ma kinux daħlu aktar ilmenti. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir il-kurduna.

4.2.9 Is-Sindku qal li kelmitu persuna sabiex issir mera fi Triq il-Fenicikantuniera ma' Triq il-Ħajt Ruman għaliex ma kinux qed jaraw it-traffiku ġej. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir mera u teħel fir-rokna.

4.2.10 Is-Sindku qal li minn naha ta' *Stepupfor Parkinson* kienu qed jissuġerixxu li jsir MOU bħala agreement magħhom.

4.2.11 Is-Sindkuqal li peress li Triq Dun Gużepp Caruana issa kienu lesti mix-xogħolijiet għalhekk kien qed jipprovajaħsilha ftit il-Kuntrattur. Huwa staqsa lil Kunsill jekk il-Kunsill jara li l-Kuntrattur ma kienx ser jaħsel it-triq dan ix-xogħol isir mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

4.2.12 Is-Sindku qal li l-Perittal-Kunsill kien bagħat l-pjanti ta' Ġnien Dun Karm Vella. Huwa għaddhal-pjanti lill-Kunsillsabiex ikunu konxji x'qed jissuġerixxil-Perit u mhux biex tittieħed xi deċiżjoni.

## 4.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiettal-Kunsillieri

4.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-Kunsill kien qabel li fi Triq tal-Palma jsiru tabelli. Is-Sindkukkonferma li dawn diġa' kienu saru.

4.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li nhar is-Sibt 11 ta' Mejju xtaqet torganizza attivita' għat-tfal fis-sala tal-Kunsill għal Jum l-Omm. Il-Kunsill qabel.

4.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li s-soft areas ta' Triq Carmelo Caruana kellhom bżonn żabra. Is-Sindku qal li Triq Carmelo Caruna kellha bżonn manutenzjoni sħiħa u fil-fatt l-fanali maż-żebra crossing kien għadhom imkissra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li sakemm tissolva l-problema tal-manutenzjoni minn naħa tal-INDIS,il-Kunsill jibgħat il-ħaddiem tal-Kunsill biex jiżbor is-soft areas li għandna fi Triq Carmelo Caruana.

4.3.4 F'laqgħat preċedenti tal-Kunsill,Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien iddiskuta l-problema li tal-Funtana fhiex kienet waslet. Is-Sindku qal lil-Kunsill kellu żewġ għażliet, li niġbru kwotazzjoni minn kuntrattur privat jew inkella BOQs u naraw jistgħux jagħmluhielna l-Public Works bis-sistema l-ġdida. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ngħidu perit jagħmlilna BOQs naraw jekk ix-xogħolijiet jistgħux isiru minn naħa tal-public works.

4.3.5 Il-Kunsillieris-Sur Publio Abdilla staqsa fhiex kienet waslet iż-żebra crossing ta' Triq San Pawl. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni kienet ser tiġi diskussa aktar tard.

4.3.6 Il-Kunsillier Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien xtara pompa sabiex intellgħu l-ilma mill-ġiebja ta' Misrah San Ġużepp. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq il-karru biex inkunu nistgħu ngħabbu żewġ tankijiet fuq l-istess karru u jekk hux ideali li nħallu l-pompa dejjem fil-ġiebja. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li mhux ħa tintuża għal post ieħor l-ideal inħallu l-pompa dejjem armata fil-ġiebja ta' Misraħ San Ġużepp.

4.3.7 Il-Kunsillier Publio Abdilla staqsa rigward it-tindif tal-balavostri tal-Knisja. Is-Sindku kkonferma li kien reġa’ tkellem mal-kuntrattur li qiegħed jassigura li mhux qed jirnexxielu jnaddaf l-istess balavostri minħabba li ma sabx kimika tajba. Is-Sindku kkonferma ukoll li l-kuntrattur kien prova roqgħa żgħira u r-riżultat ma kienx ġie tajjeb.

**4.4 ŻebraCrossing fi Triq San Pawl**

Is-Sindku qal li l-permess sabiex issir iż-*żebra crossing* fi Triq San Pawl kien ħareġ. Is-Sindku spjega li l-permess taż-żebra crossing ħareġ bħala *humped* pero’ kienet ħarġet hekk sabiex inkomplu ntaffu l-problema tas-sewqan eċċessiv. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ż-żebra crossing li ser issir fi Triq San Pawl ma ssirx *humped* pero’ ż-żebra crossing li ser issir ‘lisfel miċ-ċimiterju ssir *humped* u neliminaw l-applikazzjoni ta’ sleeping police li għamilna biswit iċ-ċimiterju. Il-Kunsill qabel.

**4.5 Proċess ta’ Xiri tal-Vann**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-vann kien wasal Malta u għalhekk issa il-Kunsill kien wasal fil-fażi sabiex inħallsu lill-Kumpanija, issir l-insurance kif ukoll l-stickers bħala promozzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qiegħed jagħti s-servizz lill-anzjani bejn it-8:00am u is-1:00pm. Huwa ssuġġerixxa li s-servizz jingħata minn wara l-mina. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħtu s-servizz ta’ trasport pero’ ma naqbżux il-mina ta’ Ħal Kirkop.

**4.6 Estensjonital-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-approvazzjoni tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien skada u kien jinħtieġ estensjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Iskrivan Antoine Apap jibqa’ fil-kariga ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**4.7 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza.

**4.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.15 pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 16 ta’ Mejju, 2024 fil-5:00pm.

Iffirmati — Iffirmati

Johan Mula — Doris Baldacchino
Sindku — Segretarju
Eżekuttiv